**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 7 ta` Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**JUSTIN BORG**

Kump Nru 1122/2008

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Justin Borg, detentur tal-karta tal-identita numru 556588(M)**, gie akkuzat talli fit-8 ta' Mejju 2008 ghal habta tal-23:00hrs fi Triq it-Trungiera, Marsaxlokk;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Clint Formosa skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD reg. 2666 mill-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt il-vettura JBD695 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt il-vettura minghajr ma kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Caruana skond kif iccertifika t-tabib Dr. Kelvin Cortis MD.;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ppruvajt ma thallix persuna taghti t-taghrif jew provi mehtiega f'kawza civili jew kriminali, jew lil xi awtorita kompetenti jew quddiemha.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament jissoprimi jew b'xi mod iehor jeqred jew ibiddel it-tracci jew l-indizji ta' reat;

F'kaz ta' htija il-prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan. Ukoll f'kaz ta` htija l-prosekuzzjoni titlob l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-27 ta' Dicembru 2010 (ara *folio* 238) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 239);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

**Punti Preliminari**

A. Dwar l-istqarrija li l-imputat ta lill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet nhar is-17 ta` Novembru 2008 (ara *folio* 11), din il-Qorti tiddikjara minnufih li tali stqarrija ser tigi kompletament skartata u dana fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" [Referenza Kostituzzjonali Nru 104/2016 JZM] moghtija fis-27 ta` Gunju 2017 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali – Onor. Imh. Joseph Zammit McKeon);

B. Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process peress illi, kif inhu f'dan il-kaz, dak kollu li rrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li kkaratterizza dan il-kaz u li rrizulta a sodisfazzjon tal-ligi hu bazikament illi fil-lejl tat-8 ta' Mejju 2008, ghall-habta tal-11.00pm, fi triq it-Trunciera, Marsaxlokk, sehh incident tat-traffiku. Illi f'dan l-incident kienet involuta vettura tal-marka Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni JBD 695 misjuqa mill-imputat Justin Borg u grupp ta` zghazagh li kienu miexjin dak il-hin f'din it-triq.

**Gara illi l-imputat bhala s-sewwieq tal-karozza msemmija, hekk kif wasal fil-kisra ezistenti int u gej minn naha ta` San Lucjan direzzjoni lejn Marsaxlokk (qrib il-koperattiva tas-sajd), tilef il-kontroll tal-vettura, u waqt li pprova jikkontrollaha, l-vettura marret fuq in-naha 'l ohra tat-triq u ntlaqtu Clint Formosa u Jonathan Caruana, li kienu fuq il-bankina flimkien ma zewg zghazagh ohra hbieb taghhom. Dawn intremew ghal wara c-cint. Qabel intlaqtu z-zghazagh kif intqal, instema hoss ta` vettura tirrevvja u gejja bi speed qawwi hafna. Jirrizulta li t-triq in kwistjoni hija *dual carriageway.* Din il-manuvra certament, u f'dak il-mument krucjali, saret wahda perikoluza.**

Bhala konsegwenza wkoll ta` dan l-incident gew milquta bankina u cint, apparti l-hsarat fuq il-vettura li kien qed isuq l-imputat stess, propjeta ta` missieru Lawrence Borg.

Irrizulta wkoll li l-imputat caqlaq u spostja l-vettura tieghu u tefahha fil-genb, ftit il-fuq minn fejn sehh l-incident. Minhabba f'hekk ma setghax isir scetch kif suppost.

F'dan l-incident korrew gravi z-zewg persuni msemmija Clint Formosa u Jonathan Caruana. F'dan il-kuntest fil-process hemm id-depozizzjonijiet tat-Tabib Michael Spiteri (ara folio 32), tal-Kirurgu Konsulent tal-Ortopedija Carmel Sciberras (ara folio 178 et seq, kif ukoll ir-rapport tieghu a folio 182), tal-Konsulent tal-Kirurgija Plastika Joseph Briffa (ara folio 187 et sed, kif ukoll ir-rapport tieghu a folio 189), u tat-Tabib Kelvin Cortis (ara folio 234 et seq) u c-certifikat minnu mahrug a folio 236.

Dwar il-kwistjoni ta` l-assikurazzjoni l-prosekuzzjoni ressqet lil Mark Laferla bhala rappresentant ta` Laferla Insurance Agency Ltd (ara folio 54) u c-*certificate of motor insurance* li jinsab a folio 57. Irrizulta minghajr ekwivoku li din il-vettura in kwistjoni JBD 695 seta jsuqha biss Lawrence Borg; u l-polza kienet tghid specifikatament *excluding drivers under 25 years*.

Il-kontestazzjoni principali f'dan il-kaz tirrigwarda l-pozizzjonament ta` Clint Formosa qabel l-impatt mal-vettura u waqt l-impatt. Hu u shabu jghidu li kienu fuq il-bankina filwaqt li l-verzjoni moghtija minn xhieda ohra hbieb ta` l-imputat hi li Clint Formosa ma kienx fuq il-bankina u li l-vettura in kwistjoni qatt ma telghet fuq il-bankina. F'dan il-kuntest, u wara li ezaminat id-depozizzjonijiet kollha fid-dawl ta` dak ikkonstatat mill-esperti nominati l-Perit Richard Aquilina u Joseph Zammit, din il-Qorti hi tal-fehema li l-verzjoni li l-aktar ghandha mis-sewwa hija dik li Clint Formosa u shabu kienu fuq il-bankina meta giet ghal fuqhom il-vettura misjuqa mill-imputat.

Ghall-grazzja ta` l-argument ukoll, din il-Qorti hi tal-fehema illi dettal bhal dan – dwar jekk Clint Formosa kienx fuq jew taht il-bankina fil-mument ta` l-impatt - ma ghandu ebda *bearing* fuq il-vertenza unika f'din il-kawza. Indipendentement minn jekk Clint Formosa kienx fuq il-bankina jew le, il-kwistjoni tar-responsabbilta` ta` dan l-incident bl-ebda mod ma tistrieh fuq dan il-fatt.

Il-kawza ta` l-incident ghalhekk, mill-ottika tal-ligi penali, hija s-sewqan kontra l-ligi u traskurat ta` l-imputat. Jirrizulta ghalhekk mill-atti processwali li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront ta` l-imputat.

**Ikkunsidrat** ;

Illi ghal dak li jirrigwarda il-kuntest ta` sanzjoni, il-Qorti li tkun ma ghandha qatt titlef il-perspettiva reali u fattwali ta` kazijiet bhal dawn u cioe` li hawn si tratta ta` l-involontarju. Izda wkoll ma tistax din il-Qorti ma tqisx fatturi rizultanti, li f'kull kaz ghandu jkollhom *bearing* waqt il-kontemplazzjoni tas-sanzjoni u dwar is-sanzjoni innifisha.

Ix-xhud Mario Neville Carabott a folio 167 jixhed illi huwa kien miexi fuq il-bankina u 'sema hoss ta` zewg karozzi mixjin hafna, qisu zewg karozzi qeghdin itellqu' – u dana ezatt qabel sehh l-impatt.

Il-Qorti qieset, fost ohrajn, il-fedina penali nettissima ta` l-imputat esebita in atti *a folio* 14, u l-fatt li l-imputat ghandu impjieg fiss bhala ghaddas.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi fejn hemm feriti involuntarji ikkawzati f'incident tat-traffiku, l-Qorti trid tara jekk jezistix kaz ta` negligenza zghira jew kbira, jekk huwiex kaz ta` sewqan perikoluz minhabba qziez jew qziez zejjed li juri sewwieq fis-sewqan tieghu. Kull kaz ghandu jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu. Dak li xehed Mario Neville Carabott (hawn fuq indikat) jimmerita attenzjoni f'dan il-kuntest.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reat (fost ohrajn) kif migjub kontra l-imputat fl-ewwel imputazzjoni huwa serju, u jkun jimmerita piena li tkun ta` deterrent. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha

tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi. Meqjus dan kollu din il-Qorti tqis li ma hux fl-ahjar interess tal-Gustizzja li timponi piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 30, 31, 111(1)(2)(a), 225, u 226(1)(a)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artkolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat Justin Borg hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tlett xhur (3) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; kif ukoll ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta` tlett elef euro (€3000).**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Justin Borg fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur l-ispejjez skond il-ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.**

**Inoltre, l-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati Justin Borg ghal perjodu ta' 12-il xahar skond l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur